Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA` KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 25 – It-Tlieta, 18 ta' Frar, 2014**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-3.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Abela | Segretarju Eżekuttiv |

1. **Introduzzjoni mis-Sindku**

   Is-Sindku ta bidu għal-laqgħa.

2. **Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 24, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku**

   - 17/01/2014 – komunikat mill-Aurora Folk group fejn grupp ta' 45 persuna minn Poland se jżuru pajjiżna u jixtiequ li jorganizzaw tlett ijiem attivitajiet f'Għajnsielem. Huma qed jitolbu biex il-Kunsill iħallas l-ispejjeż involuti għall-akkomodazzjoni ta' dan il-grupp. Il-Kunsill qabel li ma jistax iħallas għal akkomodazzjoni, però qabel ma jsib l-ebda problema biex isiru l-attivitajiet fir-raħal.
   - *Clean up event* organizzata minn Louis Debattista fejn kienu grupp ta' 25 persuna, u tnaddfu ż-żoni mill-Qala sa Triq il-Bwier f'Għajnsielem. Il-Kunsill qabel li jħallas l–spejjeż ta' transport u materjal li ntuża għat-tindif.

- 24/1/2014 – Is-Sindku flimkien mas-SE iltaqgħu mal-Avukata tal-Kunsill, Dr. Georgine Schembri fejn ġiet diskussa l-idea tal-Kunsill biex ikun jista' jikkontribwixxi għall-grownd il-ġdid tal-*football*. Is-SE, fuq parir tal-avukata se tibgħat l-ittra lid-Direttur tal-DLG bix-xewqa tal-Kunsill, fejn issir talba għal-approvazzjoni ta' dan il-proġett.
- 25/1/2014 – Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Dipartiment tal-Eko Gozo fejn informa lill-Kunsill li l-proġetti taħt din l-iskema għandhom ikunu lesti sal-aħħar ta' Lulju.
- Is-Sindku rċieva ittra minn l-organizzaturi ta' kor fi Franza fejn dawn jixtiequ li jagħmlu kunċert f'Għajnsielem, u talbu lill-Kunsill biex iħallas l-ispejjeż ta' jumejn akkomodazzjoni tal-grupp kollu. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jħallas għal dan il-kunċert.
- 31/1/2014 – Is-Sindku ġie mistieden mill-iskola primarja biex jagħti messaġġ lit-tfal fl-attività tal-*clean up the world.*
- 1/2/2014 – proponiment mis-Sur Charles Zammit, president tal-NGO f'Għawdex lis-Sindku biex isir kunċert mil-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta fir-raħal t'Għajnsielem nhar it-22 ta' Frar, fejn qed jitlob lill-Kunsill iħallas l-ispejjeż involuti. Il-Kunsill ma qabilx li jsiru dawn l-ispejjeż.
- Is-Sindku semma' li ġie avviċinat minn xi residenti t'Għajnsielem li jixtiequ li jibda jkun hawn il-monti nhar ta' Ħadd. Il-Kunsill qabel ma dan, u talab lis-SE biex tibda l-proċedura biex isir dan.
- Saret donazzjoni ta' kotba għall-użu tal-librerija pubblika mingħand Dr. Raymond Xerri.
- Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Colin Attard bi stedina biex il-jipparteċipa għall-Kuncert Gaulitana li se jsir bejn Marzu u Mejju.
- Rapport dwar il-ħidma tal-Ambaxxatur mitlub mill-Vot 16 li ġie preparat mis-Sindku kif ukoll mill-Ambaxxatur. Is-Sindku qara dan ir-rapport lill-preżenti.
- Skema librerija 2014 – il-Kunsill qabel li jalloka €200 mill-fondi tal-Kunsill u €200 mill-iskema.
- Kwotazzjoni għal-*hedge trimmer* ta' €400 u *chain saw* ta' €290 – il-Kunsill approva dan ix-xiri.
- Is-Sindku informa lill-preżenti li l-kuntrattur tal-Green MT li jieħu ħsieb il-*bring in sites* mhux se jiġbor aktar il-boroż suwed li jkunu miftugħa ħdejn il-*bring-in-sites.* Kawża t'hekk qed jirriżulta f'ħafna boroż u ħmieġ ħdejn il-*bring in sites*, speċjalment dawk fiż-żona tal-Gudja. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jiġu installati 2 *cameras* ħdejn il-*bring in site* tal-Gudja, *camera* fil-*playing*

*field* Amabile Cauchi, u *camera* quddiem l-uffiċċju tal-Kunsill biex tiġi tidher l-faċċata tal-Kunsill.

- Is-Sindku talab biex issir evalwazzjoni tal-*cameras* tal-uffiċċju tal-Kunsill peress li m'huma ċari xejn. Is-Sindku ssuġġerixxa li jiġu mċaqalqa l-*cameras* tal-Pjazzetta 10 ta' Diċembru, għal fejn hemm il-*bring in site* biex ikunu aktar ċari.
- Is-Sindku ssuġġerixxa li jinxtraw set ta' *pedestrian crossing* li jixgħelu bil-pannelli biex jiġbdu l-attenzjoni li hemm *zebra crossing* – il-Kunsill qabel li jinxtraw 2 settijiet, wieħed biex jitpoġġa fil-Pjazza Madonna ta' Loreto u ieħor fit-Triq Chambray. L-ewwel għandhom isiru fil-Pjazza Madonna ta' Loreto bħala test.
- Grada tal-ilma fit-Triq Anglu Grech – is-Sindku talab biex issir estenzjoni tal-grada tal-ilma li hemm fil-bidu tat-triq imsemmiha biex nevitaw li jaqa' ħafna ilma żejjed li jinżel minn Triq Simirat għal-Pjazza tad-Dehra. Il-Kunsill qabel ma dan.
- Saret spezzjoni mill-Plant Health Department fuq palma marida fi Pjazza Tolfa u infurmaw lill-Kunsill li din trid tinqala.
- Laqgħa tas-Sindki nhar il-21 u 22 ta' Marzu. Il-Viċi Sindku se jattendi.
- Is-Sindku qal lill-preżenti li l-Kunsill irċieva MEMO mid-dipartiment biex jibda jirrapporta kull xahar għax-xogħol li jkunu wettqu l-ħaddiema tal-ETC u Ex-WSC. Wara din il-MEMO, iż-żewġ ħaddiema tal-Ex WSC talbu lis-Sindku biex dawn jibdew jaħdmu mit-8am sas-2pm, mit-Tnejn sas-Sibt. Wara li ddiskuta din il-proposta, il-Kunsill kollu qabel ma dan. Is-SE għandha tibgħat email lid-Dipartiment fejn tinformahom b'dan.
- Konsultazzjoni pubblika taħt it-tema 'Gvern li jisma' li ser issir fir-raħal ta' Sannat nhar l-5 ta' Marzu.
- Is-SE informat lill-preżenti li hija qed tirrinunzja n-numru privat tal-*mobile* tagħha biex jibqa' jintuża bħala n-numru tal-Kunsill. Dan peress li dan in-numru ilu jintuża għall-użu tal-Kunsill tul dawn l-aħħar sena u nofs. Il-preżenti qablu ma dan.
- Żjara uffiċjali mis-Sindku ġewwa Emilia Romagna flimkien ma diversi Sindki mir-Reġjun Għawdex – il-Kunsill approva li jsir il-ħlas tal-*flight* u titħallas DSA lis-Sindku.

## 4. Approvazzjoni tal-*financial statements* u *budget* għas-sena 2014

L-*Accountant* tal-Kunsill spjegat l-*budget* għas-sena 2014 li sar flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv fuq is-suġġerimenti tal-Kunsill li għamel fil-laqgħat preċidenti. Il-Kunsill approva dan il-Budget.

L-*Accountant* spjegat l-*fiancial statements* sas-sena 2013. Saru xi mistoqsijiet mill-membri tal-Kunsill u wara li ġew iċċarati xi punti li tqajmu. Il-Kunsill approva l-*financial statements* kif preżentati.

## 5. Bethlehem f'Għajnsielem (Kumitat Organizzattiv Ġdid)

Is-Sindku qal li skont il-ftehim li sar bejn l-Kumitat Organizzattiv, dan il-Kumitat għandu jxolji u wara jsir kumitat organizzattiv Bethlehem f'Għajsnielem li jkun ifformat mill-Kunsill kollu u jkollu bħala membri rappreżentant wieħed minn kull għaqda fir-raħal.

## 6. *Olimpiadi della Cultura* – Tolfa

Is-SE resqet għad-diskussjoni bejn il-preżenti t-talba mill-Kunsill ta' Tolfa biex il-Kunsill jipparteċipa fil-konkors tal-*olimpiadi della Cultura*, billi jkun hemm żewġ raprezentanti mill-Kunsill Lokali t'Għajnsielem waqt is-semi finali u l-finali ta' dan il-konkors. Huma talbu ukoll biex il-Kunsill jikkolabora bħas-sena li għaddiet, biex joffri lill-grupp rebbieħ kors ta' ġimgħa fil-lingwa Ingliża f'Għajnsielem f' Awwissu.

Il-Kunsill approva li jikkollabora biex jingħata l-premju finali u għandhom jipparteċipaw fis-semi finali u finali s-Sindku u s-SE.

## 7. Talbiet tar-residenti

- *Bus shelter* ħdejn il-Gozo Heritage fit-Triq Mġarr – diġà hemm applikazzjoni ma' TM.
- Talba biex jitneħħew *double yellow lines* fit-Triq Sant Antnin, 'l fuq mill-Grand Hotel – il-Kunsill ma qabilx li dawn jitneħħew peress li t-triq imsemmiha hi dejqa u tiġi *blind spot* għal min joħroġ mill-parkeġġ tal-Grand Hotel
- Talba biex titneħħa *spead hump* fit-Triq Wied ir-Rajjes – il-Kunsill ma qabilx li jsir hekk għaliex din kienet saret fuq talba tar-residenti ta' din it-triq. Din l-i*speed hump* qed isservi ukoll biex titnaqqas il-veloċità tal-vetturi u għalhekk jekk titneħħa jiżdied il-periklu fit-triq.
- Talba għal *shifting* ta' bozza jew twaħħil ta' bozza ġdida quddiem l-Blokk 'Pjazzetta' fit-Triq Gleneagles – il-Kunsill qabel li jsir *shifting* ta' bozza.

## 8. Materji oħra

Peter Caruana

- Suġġeriment li jsir mafkar fil-ġnien ta' quddiem il-klabb tal-*football* li jfakkar it-*team* tal-*football* t'Għajnsielem ta' bejn 1969 -1974. Dan it-team kien rebaħ 5 *leagues* konsekuttivi. Il-Kunsill qabel mal-proposta li jsir dan il-mafkar, u talab lis-SE toħroġ *expression of interest* biex jiġi ddisinjat dan il-mafkar. Għandu jsir fuq tema tal-isports, fejn il-materjal użat għad-desinn partikolari, jinkitbu l-ismijiet tal-*players*. Wara li tinħareġ din l-*expresion of interest*, il-Kunsill jagħżel d-disinn u tinħareġ is-sejħa għax-xogħlijiet.
- Ġie avviċinat mil-perit Shawn Micallef rigward il-gandott li kellu jsir fit-Triq Malta, fejn qed jissuġġerixxi li l-kanal li hemm diġà ħdejn il-bankina jitħaffer pied 'l isfel u jisbokka għan-nofs it-triq aktar 'l isfel. Il-Kunsill qabel ma dan.
- Staqsa fuq il-proċess biex jiġi installat xi tip ta' dawl fit-taraġ ta' Lourdes – is-SE spjegat li għadha qed tistenna l-istima mill-Engineer.

Larry Buttigieg

- Issuġerixxa li jerġgħu jitwaħħlu 2 bankijiet li kienu hemm fi Triq Lourdes faċċata tat-tarag li jieħdok għal-kappella ta' Lourdes. Il-Kunsill approva li jiġu ordnati dawn.

Stephen Mercieca

- Ħarruba fit-Triq Sant Antnin – il-Kunsill qabel li jintalab il-permess mill-MEPA biex isir *trimming*.

## Tmiem il-laqgħa

Wara li kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 26 ta' Marzu 2014, fis-3.00pm, is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fit-6pm.

| | |
|---|---|
| Francis Cauchi | Amanda Abela |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |